MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2003

Numru. 64/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Angelus Muscat bin Joseph u Assunta nee Xuereb li joqghod 51, St James Street, Nadur, Ghawdex.**
**Karta ta’ Identita’ numru 16338 (G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar il-15 ta’ Novembru 2002 jew fil-granet ta’ qabel qata’ sigra tal-harrub li kienet f’ghalqa tieghu li ghandu fi Triq Sant Indrija, Nadur, liema sigra hi msemmija fil-lista ta’ Legal Notice 12 tat-2001 The Trees and Woodlands (Protection) Regulation bhala sigra protetta .

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati;

Wara li rat l-artikoli 8 u 15(2) ta’ l-Avviz Legali 12/2001;

Ikkunsidrat illi l-imputat kellu kull mezz biex jottjeni licenzja biex jaqla’ din il-harruba billi japplika lid-dipartiment koncernat. Ikkunsidrat ukoll illi l-prosekuzzjoni ma pruvatx l-eta` ta’ din is-sigra u ghalhekk tapplika l-minimu bejn it-tlett dispozizzjonijiet tal-ligi;

Ghal dawn il-mottivi tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ Lm300.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------